## KARTUNA TA' TWISSIJA GĦAL-PAZJENT

**Eliquis (apixaban)**

**Kartuna ta' twissija għal-Pazjent**

**Żomm din il-kartuna miegħek il-ħin kollu**

**Uri din il-kartuna lill-ispiżjar, dentist jew kwalunkwe professjonisti dwar il-kura tas-saħħa li qed jittratawk.**

**Qed nieħu trattament kontra il-koagulazzjoni tad-demm ma' Eliquis (apixaban) għall-prevenzjoni ta' l-emboli tad-demm**

**Jekk jogħġbok imla din is-sezzjoni jew staqsi lit-tabib tiegħek biex jimliha**

Isem:
Data tat-twelid:
Indikazzjoni:Doża:    mg darbtejn kuljum
Isem tat-tabib:
Telefon tat-tabib:

**Informazzjoni għall-pazjenti**

- Ħu Eliquis regolarment skond l-istruzzjoni. Jekk tinsa tieħu doża, ħudha kif tiftakar u kompli ssegwi l-iskeda tad-dożaġġ tiegħek.
- Tieqafx tieħu Eliquis mingħajr ma' tkellem lit-tabib tiegħek, peress li inti f'riskju li ssofri minn puplesija jew kumplikazzjonijiet oħra.
- Eliquis jgħin biex iraqqaq id-demm tiegħek. Madankollu, dan jista' jżid ir-riskju ta' fsada.
- Sinjali u sintomi ta' fsada jinkludu fsada jew tbenġil taħt il-ġilda, ippurgar qatran ikkulurit, demm fl-awrina, fsada mill-imnieħer, sturdament, għeja, sfurija jew dgħjufija, uġigħ ta' ras f'daqqa, sogħla bid-demm jew tirremetti d-demm.
- Jekk il-fsada ma' tieqafx waħedha, **fittex attenzjoni medika immedjatament.**
- Jekk tkun teħtieġ xi kirurġija jew kwalunkwe proċedura invażiva, informa lit-tabib tiegħek li qed tieħu Eliquis.

**Informazzjoni għall-professjonisti fil-kura tas-saħħa**

- Eliquis (apixaban) huwa antikoagulant orali li jagħmel inibizzjoni selettiva diretta ta' fattur Xa.
- Eliquis jista' jżid ir-riskju ta' fsada. Fil-każ ta' avvenimenti ta' fsada maġġuri, dan għandu jitwaqqaf immedjatament.
- It-trattament Eliquis ma jeħtieġ monitoraġġ ta' rutina tal-esponiment. Analiżi kkalibrata u kwantitattiva tal-attività kontra l-Fattur Xa jista' jkun utli f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali (eż. doża eċċessiva u kirurġija ta' emerġenza (il-ħin ta' prothrombin (PT), proporzjon normalizzat internazzjonali (INR) u testijiet tal-koagulazzjoni tal-ħin parzjali ta' tromboplastin attivat (Aptt) mhumiex rakkomandati. Ara l-SmPC
- Aġent biex titreġġa' lura l-attività ta' anti-fattur Xa ta' apixaban huwa disponibbli.

DATE OF APPROVAL: 29 May 2020